Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9369 — PAI Partners/Wessanen)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 256/05)

1. Fit-23 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— PAI Partners SAS ("PAI Partners", Franza),

— Koninklijke Wessanen N.V. ("Wessanen", in-Netherlands).

PAI Partners takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' Wessanen kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' offerta pubblika mħabbra fil-11 ta' Lulju 2019.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— PAI Partners: il-ġestjoni u l-għoti ta' pariri, bħala kumpanija ta' ekwità privata, ta' għadd ta' fondi li huma proprjetarji ta' kumpaniji attivi f'varjetà ta' setturi tan-negozju bħas-servizzi tan-negozju, l-oġġetti tal-ikel u tal-konsumaturi, l-industriji ġenerali, il-kura tas-saħħa, u l-bejgħ bl-imnut u d-distribuzzjoni,

— Wessanen: il-provvista u d-distribuzzjoni, permezz ta' diversi sussidjarji, ta' prodotti tal-ikel, b'mod partikolari ikel tajjeb għas-saħħa u sostenibbli, taħt ditti proprji u ditti ta' terzi persuni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9369 — PAI Partners/Wessanen

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").